MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 824/1997/1

George u Catherine konjugi Farrugia
vs
Direttur tax-Xogholijiet u Chairman Planning Authority u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2003 gie korrett ghal Chairman MEPA u b'digriet tal-4 ta' Novembru 1999 gew kjamati fir-rikors l-Ministru tal-Intern u L-Ministru tal-Ambjent

It-Tribunal,

**RIKORS**

Ra r-rikorsipprezentat fil-11 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrenti wara li ppremettew illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz f'Ottubru 1989 u wara huma sofrew ingustizzja f'li ma giex inghatat permess li diga kellhom skond il-ligi u kif permess mill-istess Qrati, qabel ma saru l-emendi ghall-kodici tal-ligijiet tal-Pulizija f'1988 u hafna aktar qabel meta ghaddiet il-ligi

tal-Planning Authority kif sa jigi spjegat iktar ‘l quddiem f’dan ir-rikors.

Illi r-rikorrent George Farrugia kien applika ghall-permess biex jibni “boundary wall” fi plot li jinsab fi Triq il-Pont Mosta qabel l-1984 liema applikazzjoni giet approvata mill-PAPB kif kienet imsejha dak iz-zmien fl-14 ta’ Novembru 1984:

Illi dan ix-xoghol sussegwentement peress li ma sarx mill-ewwel intalbet estenzjoni ta’ l-istess permess lill-istess PAPB u l-imsemmi permess gie approvat f’Awissu 1987 liema xogholijiet saru kif deskritti u waqt li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet madwar 60 pied ‘l gewwa mit-triq faccata tal-plot, instab fond mill-blat ta’ madwar 50 pied iehor l’isfel li ghalhekk inbnew pedamenti li ma gewx mirduma u dan biex jigi salvat kemm bir (gibja) u l-istess pedamenti li huma sal-livell tat-triq, bil-ghan biex dawn iservu ghall-applikazzjoni ohra li r-rikorrent kien sa jaghmel, biex jinghata permess ghall-bini ta’ “***agricultural stores***” li r-rikorrent kien diga allura ta’ struzzjonijiet lill-Perit privat tieghu biex jissottometti l-applikazzjoni ghall-dawn ta’ l-ahhar, liema applikazzjoni dahlet mill-Perit f’Novembru 1988 meta l-imsemmija bini kif deskritt hawn fuq kien ilu lest ghal hafna xhur:

Illi propju sena wara l-ahhar applikazzjoni ghall-bini ta’ “***agricultural stores”*** r-rikorrent gie servut fil-5 ta’ Ottubru 1989 (1) b’notizia mid-dipartiment tax-xogholijiet fejn gie infurmat li qed jaghmel xoghol minghajr permess mehtieg (2) b’enforcement order datata 9 ta’ Ottubru 1989 (3) intimazzjoni mill-istess pulizija tad-distrett u wkoll b’citazzjoni li giet xhur wara u proprju f’Marzu 1990 fejn huwa gie akkuzat fuq talba tal-PAPB talli “f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur ghamilt jew gieghelt jew hallejt li jsir xi haga fi Bridge Street, Mosta minghajr permess mehtieg li ghaliha huwa mehtieg permess, skond l-artikolu 16(11) tal-Ligijiet tal-Pulizija Kapitolu 10” fost l-imutazzjoni kif deskritta fic-citazzjoni u li dan kollu sar b’mod ingust u abbusiv u dan peress li huwa meta ghamel ix-xogholijiet fuq deskritti barra li qatt ma gie mwaqqaf minn xi ufficjal tad-dipartiment fl-1987 u fl-ewwel xhur ta’ 1988 meta saru

x-xogholijiet (pedamenti u boundary wall) u wkoll meta dawn kienu skond il-permess rikjest (ara kawzi decizi P vs John Bugeja 24/10/86 u ohrajn).

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda u dokumenti murija f'dan ir-rikors u dan biex jipprova l-fatti tal-kaz;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1987 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-bini ta' pedamenti li saru qabel Gunju 1988, u jigi dikjarat li kienu skond il-ligi u wkoll dan it-Tribunal huwa mitlub fic-cirkostanzi tal-kaz sa jigi pruvat fil-mori tieghu, ordna ghalhekk kumpens li ghandu jithallas lill-esponenti ta' ammont ta' mhux aktar minn hamest elef lira Maltija.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn wiegbet illi:

Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti qed jallegaw li saret ingustizzja maghhom fi zmien meta l-Awtorita' ta' l-Ippjanar lanqas biss kienet tezisti. Di fatti l-istess rikorrenti fl-ewwel paragrafu tas-sottomissjonijiet taghhom jipprecisaw "Ottubru 1989" bhala l-perjodu meta saret l-allegat ingustizzja fil-konfront taghhom. Fl-istess kuntest r-rikorrenti stess jghidu li l-ingustizzja saret "qabel ma ghaddiet il-ligi tal-Planning Authority" Wiehed ghalhekk ma jistax jifhem kif l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar seghtet ikkommetit xi ngustizzja fil-konfront tar-rikorrenti fiz-zmien meta hi lanqas biss kienet tezisti.

Illi skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u kienu in vigore (ghal perjodu ta' sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar. Minn dak li qed jissottomettu l-istess rikorrenti l-kaz in kwistjoni gara qabel, cioe' fil-1989.

Illi jigi sottomess li l-PAPB kienet id-delgat tal-Ministru tal-Infrastruttura u li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB. F'dan ir-rigward isir riferenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Sammut vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar moghtija fit-tnax ta' Dicembru 1996 fejn gie deciz li lmenti kostituzzjonali ma jintlaqghux meta dawn ikunu saru fil-konfront ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar minhabba l-agir tal-PAPB. F'dan il-kaz il-qorti rriteniet bl-aktar mod car li l-awtorita' mhix is-successur tal-PAPB. Inoltre fl-istess sens isir wkoll referenza ghad-decizjoni aktar ricenti fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 1997.

Illi noltre ssir riferenza ghall-allegat ingustizzja li r-rikorrenti semmew fir-raba paragrafu tar-rikors taghhom fejn l-istess irreferu ghall-passi li ttiehdu kontra George Farrugia bil-qorti meta dan kien baqa' ghaddej bl-izvilupp (minghajr ma kellu l-permess mehtieg) u li skond l-istess Farrugia hadd ma waqqfu. F'dan il-kuntest hu sottomess li dan kollu ma jirrizultax li jikkostitwixxi ngustizzja taht l-Att numru VIII tal-1997 b'mod partikolari taht l-artikolu 6 ta' l-istess Att. Illi del resto hu umilment sottomess li l-passi bil-Qorti ittiehdu proprju ghaliex ir-rikorrenti ghamel zvilupp li ghalih ma kellux permess. Ma jistax imbaghad ghalhekk ir-rikorrenti jilmenta ghaliex ittiehdu passi kontrih meta hu kien qed jikkommetti illegalita'.

Illi minn dak li ntqal fir-rikors mhux car fuq liema bazi r-rikorrenti qed jghidu li saret ingustizzja maghhom da parti ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u di piu' ghalfejn ghandhom jigu kkumpensati mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Ir-rikorrenti fl-ahhar paragrafu talab li "…inghata rimedju billi jigi ordnat illi l-bini ta' pedamenti li saru qabel Gunju 1988…" hu umilment sottomess li almenu f'dan il-kuntest mhux car x'tip ta' rimedju qed jitolbu r-rikorrenti. F'dan ir-rigward l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tirriserva d-dritt li tirrispondi ulterjorment meta jigi ccarat dan il-punt.

Illi r-rikorrenti qed jghidu li soffrew ingustizzja ghaliex skond huma ma kienx inghata "….permess li diga kellhom…" F'dan ir-rigward hu sottomess li l-

applikazzjoni ghat-tigdid (ara Dok Pem 3 anness ma din ir-risposta) li saret ghan-nom tar-rikorrenti kienet “to erect boundary walls and stores as per attached plans” waqt li l-applikazzjoni originali li kienet saret qabel kienet **biss** ghal kostruzzjoni ta’ ***boundary walls*** (ara kemm l-applikazzjoni datat it-30 ta’ Novembru 1988, il-pjanta relattiva li giet sottomessa ma’ l-istess u wkoll l-applikazzjoni precedenti datata 30 ta’ Lulju 1984 annessi rispettivament bhala Doks Pem 1, Pem 2 u Pem 3). Ir-rikorrenti ma jistax ghalhekk jippretendi li kellu xi dritt awtomatiku ghat-tigdid tal-permess meta fis-sustanza hu kien qed jitlob ghal zvilupp li kien ivarja b’mod sostanzjali mill-permess li kien gie moghti qabel.

Illi hu sottomess li r-rikorrenti hu zbaljat meta jghid li ma giex moghti permess li kien diga nghata gjaladarba fil-fatt kien qed japplika wkoll ghal-bini ta’ stores u mhux biss ghall-kostruzzjoni ta’ ***boundary walls***. Oltre dan hu rilevat li l-istess premess ghal ***boundary wall*** kien validu biss ghal perjodu determinat kif moghti fil-permess estensjoni ta’ l-istess (ara Doks A u B esibiti mir-rikorrenti mir-rikors tieghu). Gjaladarba skada z-zmien tal-permess ghal-istess zvilupp ir-rikorrenti ma setawx jibqghu sejrin bl-izvilupp.

Illi inoltre l-applikazzjoni tat-30 ta’ Novembru 1988 kienet giet irrifujuta ghaliex ix-xogholijiet kif proposti f’din l-applikazzjoni ma kinetx taqa’ taht il-***policy*** kurrenti li kienet itrregola il-permessi tal-bini kif approvat b’rizoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta’ Novembru 1988 skond l-Att Numru X ta’ l-1988 dwar il-Permessi ghal Bini (Provvedimenti Temporanji).

Ghaldaqstant l-intimat talbu li dan it-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ossia ic-Chairman ta’ l-istess Awtorita’ peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-tribunal ghandu jaqta’ li l-ilment mhux gustifikat u li l-istess Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ma ghandhiex tigi ordnat li thallas l-ebda kumpens lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra x-xhieda u d-dokumenti ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xogholijiet fejn wiegeb:

Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent ghandu jispjega taht liema parti tal-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1997 huwa qieghed jinkwadra t-talba tieghu, u ghandu wkoll jispjega l-ezitu tal-kawza fil-Qorti Kriminali (Magistrati) li nbdiet kontrih mill-Pulizija.

Illi r-rikorrent kien inghata permess mill-PAPB li jwettaq xoghol ta' zvilupp fi Triq il-Port, il-Mosta, liema xoghol kien jikkonsisti fit-twaqqif ta' 'boundary wall'.

Illi sussegwentement instab li r-rikorrent kien qieghed iwettaq, jew ihalli li jitwettqu xogholijiet bla permess fil-proprjeta tieghu, u ghalhekk ittiehdu pariri legali ikontrih mill-Pulizija fuq talba tal-PAPB, a tenur ta' l-Artikolu 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Illi l-esponent ma jistax jifhem kif ir-rikorrent qieghed jippretendi li xi haga li saret skond il-ligi, u wisq anqas ghaliex ghandu jinghata kumpens ghal azzjoni legittima li ttiehdet kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra d-digriet tieghu tal-4 ta' Novembru 1999 fejn ordna l-kjamat fil-kawza tal-Ministru tal-Intern u tal-Ministru ta' l-Ambjent.

Ra illi dawn ma prrezentawx ir-risposti taghhom.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi li r-rikorrenti huma propjetarji ta' bicca art fi Triq il-Pont il-Mosta, illi jaghti fuq Wied il-Ghasel. Fl-14 ta' Novembru 1984 gie ottenut permess sabiex jittella

‘boundary wall’. Ix-xogholijiet saru u madwar 60 pied il-gewwa mill-faccata ta’ triq fuq in-naha ta’ wara, fuq il-Wied, kien hemm sies ta’ madwar 30 pied, dan ma giex mirdum u minflok inbnew kmamar, saret applikazzjoni fit-30 ta’ Novembru 1988 sabiex jsiru “Agricultural stores”. Ir-rikorrenti jghidu illi dakinhar il-bini kien diga lest pero, qabel ma giet finalment deciza l-applikazzjoni taghhom, fil-5 ta’ Ottubru 1989 gew intimati mill-allura PAPB illi x-xoghol sar minghajr permess. Saret Enforcement order fid-9 ta’ Ottubru 1989 u c-citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi r-rikorrenti kienu qed jibnu minghajr permess fl-isfond ta’ l-Artikolu 16 (11) tal-Kap 10. Skond l-enforcement order fuq imsemmija l-oggezzjoni principali tal-PAPB kien illi “construction of stores outside development zone.” (ara wkoll xhieda Joe Farrugia in rapprezentanza ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar fol 80).

Fit-2 ta’ Awissu 2000 l-‘enforcement order’ gie rtirat (fol 85). Il- kostruzzjoni ta’ l-“Agricultural stores” jidhru ahjar fuq in-naha ta’ wara fuq Wied il-Ghasel fir-ritratt numru 2 a fol 92.

Dawn huma l-fatti kif irrizultaw mit-Tribunal mill-atti tal-kawza pero, qabel ma jkompli biex jikkunsidra l-meritu irid jara r-risposta ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar partikolarment il-paragrafu numru 5 kif tinkwadra mat-talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidra

F’din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jaghmlu zewg talbiet illi kif inhuma miktubin m’huma xejn cari. L-ewwel talba tghid “…jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-bini ta’ pedamenti li saru qabel Gunju 1988, u jigi dikjarat illi kienu skond il-ligi…” Jidher illi l-ewwel parti tat-talba ma ssegwix gramattikament peress illi s-sentenza mhijiex kompluta pero “mala gramattica non viziat cartam” u t-Tribunal irid jifhem din it-talba fil-kuntest tas-sentenza kollha fejn hija abbinata mad-dikjarazzjoni illi l-pedamenti kienu skond il-ligi. Kwindi kif fehem it-Tribunal dawn it-talbiet huma biss dikjaratorji, apparti t-tielet wahda ghal kumpens.

Ghalhekk, qed jigi mitlub li t-Tribunal jiddikjara li l-bini tal-pedamenti saru qabel Gunju 1988 u li saru skondi l-ligi.

Fir-risposta taghha l-Awtorita ta' l-Ippjanar qeda tqajjem kwistjoni dwar din it-talba fejn ilmentat dwar in-nuqqas ta' carezza taghha. Bil-verbal ta' l-4 ta' Novembru 1999 (fol 21) ir-rikorrenti spjegaw li t-talba taghhom qeda fil-kuntest ta' l-artikolu 6 1d ta' l-Att VII ta' l-1997.

Ikkunsidra

L-Artikolu 6 1d fuq imsemmi jirradika l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ghal dak li jirrigwarda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita kontra xi hadd b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi.

Skond it-talba tar-rikorrenti illi maghha t-Tribunal huwa marbut, dawn mhumiex qeghdin jallegaw xi ingustizzja jew preferenza indebita ghal xi hrug jew nuqqas ta' hrug ta' licenzji jew permessi fil-konfront taghhom imma qeghdin jitolbu sempliciment dikjarazzjoni li l-pedamenti saru qabel Gunju 1988 u li saru skond il-ligi. Talbiet ben diversi minn dak stipulat fl-artikolu 6 1d ta' l-Att fuq imsemmi. It-Tribunal jidhirlu illi biex ir-rikorrenti jiehdu sodisfazzjon f'dawn it-talbiet ma kellhomx ghalfejn jadixxu Tribunal specjalizzat peress illi l-Qrati ordinarji kienu kompetenti biex jikkunsidraw talba bhal din darba tigi radikata l-interess.

It-Tribunal gie mwaqqaf ghal skopijiet precizi u ristretti; dak illi jisma' lmenti dwar certi ingustizzji bejn l-1987 u 1997 ghad illi t-terminu moghti lir-rikorrent jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal pero` il-meritu huwa ferm differenti u ma jistax jestendi l-gurisdizzjoni tieghu biex jiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet illi setghu facilment jigu decizi mill-Qrati ordinarji.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi mhuwiex il-kompitu tieghu li jaghmel decizzjonijiet dikjaratorji li ma jaqghux fil-parametri ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VII ta' l-1987.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi li fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjuzzjoni tal-meritu jiddikjara ruhu inkompetenti “ratione materiae”.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------